

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1269/2009

tal-21 ta' Diċembru 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 243/2007 fir-rigward tal-kontenut minimu tal-addittiv għall-għalf fl-għalf għall-qżieqeż għat-tismin

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 243/2007 <sup>(2)</sup> il-preparazzjoni tal-enzimi 3-phytase prodotti mill-*Aspergillus niger* (CBS 101 672) ġiet awtorizzata għal għaxar snin bħala addittiv għall-għalf fil-kategorija ta' addittivi zootekniki għall-użu fuq il-ħnienes miftuma, u fuq il-qżieqeż u t-tiġieġ għat-tismin.
- (2) B'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, id-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' din il-preparazzjoni ta' enzimi, il-BASF SE, ippreżenta applikazzjoni fejn jitlob li jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-qżieqeż għat-tismin billi jitnaqqas il-kontenut minimu tal-addittiv fl-għalf. Din l-applikazzjoni kienet akkompanjata mid-dejta relevanti li ssostni din it-talba għall-bidla.

(3) Fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Lulju 2009, l-Awtorità kkonkludiet li hemm biżżejjed provi għas-sostenn tal-effikaċja tal-preparazzjoni tal-enzimi 3-phytase prodotta mill-*Aspergillus niger* (CBS 101 672) fuq il-qżieqeż għat-tismin bil-kontenut minimu ta' 100 FTU għal kull kilogramm ta' għalf sħiħ <sup>(3)</sup>.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 243/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 243/2007, fis-seba' kolonna, bl-intestatura kontenut minimu, il-kliem "280 FTU" huwa mibdul bi "100 FTU" (\*).

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

José Manuel BARROSO

Il-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU L 73, 13.3.2007, p. 4.

<sup>(3)</sup> Il-Ġurnal tal-EFSA (2009) 1184, p. 1.

(\*) 1 FTU huwa l-ammont ta' enzimi li jillibera mikromole wieħed ta' fosfat inorganiku mis-sodium phytate fil-minuta b'pH ta' 5.5 u 37 °C.